

# malta ġdida, repubblika ġdida

repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

INTRODUZZJONI

# Matul l-aħħar xhur u ġimgħat għaddejna minn esperjenza unika fl-istorja ta' pajjiżna.

Kellna qawmien nazzjonali li ma kienx immexxi minn xi partit politiku.

Rajna qawmien li ma kienx stimolat mill-fatt li intlaqat il-but.

Rajna li Malta hija akbar mill-kriminali li jabbużaw mill-poter.

Rajna b'mod ċar li l-ħsieb ċiniku li l-Maltin jimpurtahom biss mill-but ma jirriflettix il-verità sħiħa.

Il-ħmieġ li qomna kontrih matul dawn l-aħħar ġimgħat huwa sintomu u konsegwenza ta' problemi strutturali aktar fil-fond. L-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia seħħ fis-16 ta' Ottubru 2017; imma l-qtil tagħha għandu storja ħafna itwal.

Għalkemm soddisfatti li hemm għarfien aħjar ta' dawn il-problemi, aħna nemmu li dawn mhux ser jissolvew waħedhom.







Jekk ma nagħmlu xejn, dawn il-problemi ser jibqgħu hemm, anzi se jsiru aktar gravi.

Nemmnu li s-soċjetà ċivili m'għandhiex biss ir-rwol li tipprotesta kontra dak li ma taqbilx miegħu, imma li tippromwovi valuri u viżjoni għall-ġid tal-komunità kollha. L-aspirazzjoni għal futur aħjar mhix xi monopolju tal-partiti politiċi. Lanqas mhu monopolju x-xogħol li tiġi promossa l-aġenda għal tibdil u riformi fil-ħajja soċjali, ekonomika, ambjentali u istituzzjonali tal-pajjiż. Li nagħmlu dan ma jagħmilniex partit politiku. Lanqas ma juri li rridu nkunu partit politiku. Iżda żgur jispelli bl-aktar mod ċar dak li nixtiequ lill-partiti politiċi jaħsbu biex jagħmlu.

Aħna, Repubblika, ingħaqadna bil-għan li "mmexxu 'l quddiem id-drittijiet ċivili, il-ħajja demokratika, is-saltna tad-dritt, il-libertà tal-espressjoni, il-libertajiet personali, l-inklużjoni soċjali, il-ħarsien tal-ambjent, ekonomija sostenibbli u aċċess indaqs billi nieħdu sehem attiv fid-dibattitu nazzjonali u fl-inizjattivi edukattivi, soċjali u karitatevoli marbuta ma' dan kollu". (Statut ta' Repubblika, 8 (i)).

Aħna, Repubblika, nagħrfu li m'għandniex il-monopolju tal-ħidma pubblika u għalhekk nifirħu b'movimenti u għaqdiet oħra li jaħdmu biex imexxu 'l quddiem dak li nemmnu fih u dak li naħdmu għalih. Aħna, Repubblika iltqajna fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja fil-11 ta' Jannar 2020 u approvajna dan il-manifest li nqishuh bħala

- l-istqarrija tal-identità tagħna;
- il-ġabra tad-direzzjoni fundamentali tagħna; u
- is-sisien li fuqhom nibnu l-azzjoni tagħna u l-kollaborazzjoni tagħna ma' oħrajn għal Malta ġdida, Repubblika ġdida.

1

## Ħajja pubblika mibnija fuq u iggwidata minn prinċipji etiċi

Ilkoll kemm aħna għandna d-dmir u d-dritt li nagħtu sehmna fil-ħajja pubblika. Għalkemm dan nagħmluh fi gradi u f'kuntesti diversi, ikun xi jkun is-sehem tagħna, dan għandu jkun mibni fuq u iggwidat minn prinċipji etiċi.

L-imġieba etika tfisser li niżnu d-deċiżjonijiet u niggwidaw l-azzjonijiet tagħna skont boxxla morali u mhux biss billi nistaqsu jekk l-azzjoni tagħna taqbilx lili jew lill-familja tiegħi, jekk hix legali jew jekk tħallix qliegħ.

Fil-ħajja pubblika m'għandhiex tkun skuża li mġieba mhix etika ma tkunx espressament ipprojbita mill-liġi. Lanqas mhi skuża biex ma tinġarrx responsabbiltà politika f'każi ta' suspetti raġjonevoli ta' mġieba skorretta għad li dawn ma jkunux għadhom ippruvati fil-qorti. Il-preżunzjoni tal-innoċenza f'sens kriminali hi materja differenti mill-obbligu ta' persuni f'ħajja pubblika li jkunu eżemplari u li jaġixxu b'mod xieraq.

Nistennew aktar mill-imġieba ta' persuni fil-ħajja pubblika milli nippretendu minn persuni privati.

Persuna fil-politika għandha r-responsabbiltà li tippromwovi, tirrappreżenta u tagħti garanzija għall-ħarsien tal-ġid komuni. Biex tagħmel dan trid twarrab minn kull interess privat li jista' jkollha.

Repubblika temmen li s-seba' prinċipji għall-imġieba xierqa fil-ħajja pubblika proposti minn Lord Nolan għandhom ikunu l-kejl u l-ispirazzjoni għal kull min iservi f'uffiċċju pubbliku ġewwa pajjiżna:

1 **mingħajr interessi.** Persuni f'kariga pubblika għandhom jaġixxu biss fl-interess pubbliku.

2 **integrità.** Persuni f'kariga pubblika għandhom jevitaw li jsiru obbligati lejn persuni jew għaqdiet li jistgħu jinfluwenzawhom b'mod mhux xieraq f'xogħolhom. M'għandhomx jaġixxu jew jieħdu deċiżjonijiet biex huma jew il-familja tagħhom jew ħbiebhom ikollhom xi gwadann finanzjarju jew xort'oħra. Għandhom jiddikjaraw u jsolvu kull interess jew relazzjoni.

3 **oġġettività.** Persuni f'kariga pubblika għandhom jaġixxu u jiddeċiedu b'mod imparzjali, ġust u ekwu fuq bażi meritokratika, wara li jikkunsidraw l-evidenza kollha, mingħajr diskriminazzjoni u bla ma jħarsu lejn l-uċuħ.

4 **kontabbilità.** Persuni f'kariga pubblika għandhom jagħtu kont ta' għemilhom u d-deċiżjonijiet tagħhom u għandhom joqgħodu għall-iskrutinju meħtieġ biex jagħmlu dan.

5 **trasparenza.** Persuni f'kariga pubblika għandhom jaġixxu u jieħdu d-deċiżjonijiet b'mod trasparenti u fil-miftuħ. Għandhom jagħtu l-informazzjoni kollha lill-pubbliku sakemm ma jkunx hemm raġuni serja ħafna u skont il-liġi.

6 **onestà.** Persuni f'kariga pubblika għandhom igħidu dejjem il-verità sħiħa.

7 **tmexxija.** Persuni f'kariga pubblika għandhom dejjem juru dawn il-prinċipji f'imġibithom. Għandhom imexxu 'l quddiem u jappoġġjaw b'mod qawwi dawn il-prinċipji u m'għandhomx iħallu mġieba mhux xierqa tibqa' għaddejja.



Il-ħajja pubblika f'pajjiżna hija mnawwra bi sfiduċja profonda. L-aspettattiva ta' mġieba skont l-ogħla livelli ta' etika flimkien ma' konsegwenzi serji għan-nuqqas ta' mġieba mhux xierqa huma biss l-ewwel pass biex noħorgu mis-sqaq li qegħdin fih.

Persuni f'ħajja pubblika għandhom id-dmir li jkunu ta' eżempju għall-komunità kollha. Hu għalhekk li għandhom imorru lil hinn mir-rekwiżiti tal-liġi biex jaġixxu b'mod li hu aktar denju mill-minimu li taċċetta l-liġi.

Dan ifisser ukoll li persuni f'ħajja pubblika:

- m'għandhomx ifittxu li jkollhom flushom moħbija barra minn Malta biex jevitaw li jħallsu taxxi f'Malta;
- m'għandhomx jaċċettaw kumplimenti u privileġġi li jistgħu joħolqu obbligazzjoni;
- għandhom jirrifjutaw rigali u donazzjonijiet magħmula lilhom jew lil persuni jew organizzazzjonijiet qrib tagħhom sakemm ma jkunux ta' valur żgħir u definit;
- għandhom joqgħodu 'l bogħod minn okkażżjonijiet jew li jaċċettaw karigi anke volontarji barra x-xogħol pubbliku tagħhom li jtihom prominenza jew li jagħti vantaġġ lilhom jew lil xi ħadd qrib tagħhom.

Imġieba li taqa' taħt l-ogħla standard meħtieġ minn persuna f'ħajja pubblika għandha tiġi mistħarrġa u dokumentata. Il-persuna li tkun suġġett ta' tali stħarriġ tibqa' bl-obbligu li tara li kemm waqt l-istħarriġ, kif ukoll wara, ma tkun qatt f'pożizzjoni fejn l-interessi tagħha jkunu f'kunflitt mal-interess pubbliku. Għalhekk li s-sospensjoni tad-dmirijiet pubbliċi jew inkella riżenji m'għandhomx jistennew l-eżitu ta' stħarriġ ta' allegazzjonijiet, iżda għandhom iseħħu kull fejn ikun hemm ir-riskju li l-interess personali jkun f'kunflitt mal-interess pubbliku.

Għalkemm wieħed għandu jippretendi li persuna pubblika għandha terfa' r-responsabbiltà t'aġir mhux etiku, u allura għandha tassumi d-deċiżjoni li tissospendi ruħha jew tirreżenja meta jkun hemm dubju fil-kapaċità tagħha li tonora dawn l-obbligi, l-esperjenza riċenti f'Malta wriet li persuni f'ħajja pubblika spiss jaħsbu li sakemm ebda qorti ma tkun ikkundannathom jistgħu jibqgħu fejn huma.

Irid jingħad għalhekk li meta jiġri dan, l-obbligu ta' kull persuna pubblika oħra li għandha s-setgħa tissospendi jew tkeċċi lil persuna li tkun naqset mill-obbligi etiċi tagħha hu li jaġixxi u jissospendiha jew ikeċċiha. Skond dan il-prinċipju prim ministru li ma jkeċċix ministru li jkun naqas fl-imġieba tiegħu ikun qed jonqos milli jaqdi dmiru, u bl-istess mod, partit politiku jew grupp parlamentari li ma jneħħix prim ministru li jkun qed jonqos mill-obbligi etiċi tiegħu, ikun qed jonqos milli jaqdi dmiru wkoll. Isir moralment u politikament kompliċi. Huwa inaċċettabbli li membru parlamentari jabdika minn dmirijietu u jibqa' jagħti l-appoġġ tiegħu lil dawk li prima facie jkunu naqqsu mill-obbligi etiċi tagħhom, partikolarment għax il-Kostituzzjoni tttih/a l-fakultà li twaqqaf l-abbuż.

Kull suspett ta' korruzzjoni għandu jiġi investigat b'mod ġust u bir-reqqa kollha, u jekk l-investigazzjoni turi li s-suspett huwa ġġustifikat, il-persuna, hi min hi, għandha titressaq biex tkun iġġudikata.

2

# Żviluppi strutturali u kostituzzjonali

Wasal iż-żmien li nagħtu ħarsa sewwa lejn il-Kostituzzjoni ta' Malta, il-patt fundamentali ta' bejnietna li jikkostitwina fi stat ċivili u demokratiku.

F'dan l-eżerċizzju hemm bżonn li nirriflettu fuq, u fejn jeħtieġ, nirfinaw, l-istituzzjonijiet tagħna, inkluż l-Uffiċċju tal-President, il-Parlament, l-Eżekuttiv, u s-Servizz Pubbliku, il-Qrati, il-Forzi tal-Ordni u l-Awtoritajiet regolatorji.

Il-Kostituzzjoni tal-Indipendenza, flimkien mal-emendi li saru fiha tul dawn l-aħħar 55 sena, servewna tajjeb. Madanakollu, l-esperjenza tat-tħaddim tagħha u l-bidliet soċjo-ekonomiċi u teknoloġiċi juru l-bżonn ta' riflessjoni serja u l-kuraġġ li naġġornaw fejn meħtieġ.

Ma narawx għalfejn għandna narmu t-tajjeb li żviluppajna maż-żmien; nemmnu li fil-Kostituzzjoni tagħna għandna nibqgħu nżommu dawn il-prinċipji:

- Demokrazija Parlamentari fejn l-Eżekuttiv fil-parti l-kbira tiegħu jintgħażel minn fost il-Parlamentari li jgawdu l-fiduċja tal-maġġoranza parlamentari;
- Ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu;
- Sistema elettorali li tippermetti lill-eletturi jesprimu l-preferenza tagħhom fost il-kandidati għal siġġijiet parlamentari eletti fuq bażi individwali;
- Demokrazija lokali u awtomomija reġjonali għal Għawdex;
- Repubblika ibbażata fuq ix-xogħol li tagħraf lilha nniffisha f'valuri Ewropej.

Iżda għandna wkoll aspirazzjonijiet ċari ta' progress li rridu naraw fil-Kostituzzjoni tagħna. Dawn jinkludu:

- Separazzjoni vera u mħarsa tal-poteri bejn l-Eżekuttiv, il-Leġislattiv u l-Ġudikatura;
- Parlament b'saħħtu b'awtorità reali u kredibbli ta' skrutinju tal-Eżekuttiv;
- Ġudikatura indipendenti;
- Servizz pubbliku permanenti, mingħajr lealtajiet partiġġjani u li joffri kontinwità, memorja u kuxjenza tal-interess pubbliku;
- Istituzzjonijiet indipendenti partikolarment fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi;
- Riforma elettorali li tirrifletti aħjar il-vot popolari meta dan ikun irid pluralità ta' partiti politiċi fil-Parlament;
- Rikonoxximent u definizzjoni tar-rwol tal-partiti politiċi fit-tħaddim tad-demokrazija;
- Finanzjament regolat tal-partiti politiċi biex jinqerdu l-obbligi sigrieti tagħhom lejn l-interessi privati;
- Regolamentazzjoni tal-*lobbying* li jsir biex persuni f'ħajja pubblika jisimgħu l-fehmiet ta' min għandu interess jinfluwenza l-proċess leġislattiv jew amministrattiv;
- Salvagwardji infurzabbli tal-prinċipji demokratiċi tad-demokrazija li ma jinkludux biss id-drittijiet individwali iżda wkoll l-obbligi tal-istituzzjonijiet u tal-persuni li jkunu qed imexxuhom li jaġixxu fir-rispett tal-prinċipji li fuqhom hi msejjsa l-Kostituzzjoni;
- Kunsilli Lokali aktar responsabbli u aktar awtonomi;



- Il-bini ta' Repubblika sekulari msejsa fuq valuri umani ta' ġustizzja, meritokrazija, xogħol, sostennibiltà ekonomika u ambjentali, inklużjoni soċjali, ħniena u mogħdrija, parteċipazzjoni, rispett reċiproku, ugwaljanza bejn is-sessi, bejn nies ta' orjentazzjoni sesswali differenti, bejn nies ta' fehmiet politiċi differenti, bejn nies li twieldu Malta u oħrajn li għamluha darhom, bejn Għawdxin u Maltin, u bejn nies ta' fidi differenti, inklużi dawk li ma jemmnux.

Minkejja dawn l-aspirazzjonijiet, mhux biżżejjed għalina naraw dawn ir-riformi adottati. Biex it-tibdil Kostituzzjonali jkollu l-effett mixtieq, Repubblika temmen li dan l-eżerċizzju għandu jkollu dawn il-kwalitajjiet:

### I. Il-Kostituzzjoni għandha tkun emendata u mhux mibdula

Bħalissa, il-Kostituzzjoni hija strument imperfett li jħares l-interessi tal-komunità u d-drittijiet tal-persuni. Waqt li huwa minnu li ma teżistix il-kostituzzjoni perfetta, ikun aħjar li nżommu n-nuqqasijiet ta' issa milli ndaħħlu oħrajn agħar minnhom. Kull tibdil għandu jiġi wara ħsieb, diskussjoni u qbil kollettiv.

Jidhrilna li jekk ma jkunx hemm qbil biżżejjed, ikun aħjar li l-bidliet ikunu sospiżi sakemm ikun hemm aktar żvilupp fil-ħsieb tal-komunità, milli jiġu sfurzati sabiex ma jkunx jidher li ma rnexxilniex inwettqu dan il-proċess.

Il-punt ta' tluq għandu jkun li aħna diġà għandna Kostituzzjoni u sakemm il-komunità tagħna tkun lesta biex tagħmel bidliet, aħna se nibqgħu leali lejn il-Kostituzzjoni li għandna.

Dan ifisser li kull ħsieb ta' kostituzzjoni ġdida jew tibdil fil-Kostituzzjoni li għandna mingħajr kunsens wiesgħa ikun pass illiberali daqs il-kostituzzjonijiet kolonjali li kienu imposti fuq pajjiżna mingħajr il-kunsens tal-poplu.

Anke l-kunsens bejn iż-żewġ partiti l-kbar dwar bidla sħiħa mhux biżżejjed; kunsens bħal dan xorta jista' jipperikola d-demokrazija.

### II. Il-bidla fil-Kostituzzjoni m'għandhiex issir f'forma ta' pakkett iżda għandha tkun maqsuma f'temi

Mhux għaqli li jsiru f'salt wieħed riformi li m'għandhomx x'jaqsmu ma' xulxin. Dan hu meħtieġ kemm biex iċ-ċittadini jkollhom iż-żmien biex jassorbu dawn il-materji u jimmaturaw il-ħsibijiet tagħhom, kif ukoll sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jaddattaw ruħhom mingħajr ma tidgħajjef l-istabbiltà u l-effettività tagħhom.

Dan il-prinċipju jrid ikun bilanċjat bil-prinċipju l-ieħor li bidliet iżolati jistgħu joħolqu skwilibriju u allura numru ta' bidliet ikunu jridu jsiru flimkien.

Li rridu ngħidu hu li, per eżempju bidla radikali fil-Kummissjoni Elettorali m'għandhiex għalfejn titpoġġa ma' bidla fil-funzjoni tal-President. Dan jevita l-periklu li titneħħa l-attenzjoni fuq materji li jkunu jistgħu jidhru sekondarji ma' oqsma forsi aktar interessanti jew kontroversjali meta fil-fatt ikunu jimmeritaw attenzjoni u konsiderazzjoni kbira.

L-ebda element fil-Kostituzzjoni m'hu żgħir wisq u għalhekk kull bidla għandha r-riskju li ssir mingħajr kunsens wiesgħa u infurmat.

Għalkemm mhux bil-fors ikun hemm xi ħsieb ħażin, id-dħul ta' bidliet li ma jkollhomx x'jaqsmu ma' xulxin, fih ir-riskju li jiddaħħal tibdil bil-moħbi.

Finalment, meta wieħed jaqbel ma' wħud mill-bidliet proposti ma jfissirx bil-fors li jkun qed jaqbel magħhom kollha u kull min hu involut fil-proċess ta' riforma għandu jkollu l-opportunità li jirrikunsidra l-pożizzjoni tiegħu u jagħti jew jirtira l-kunsens tiegħu għall-bidliet proposti mingħajr ma jikkometti ruħu għal xi forma ta' pakkett ta' tibdiliet.

### III. Tibdiliet li waħedhom jistgħu jżidu l-poteri tal-Eżekuttiv għandhom jiġu adottati flimkien ma' tibdiliet li jillimitawhom

Riforma Kostituzzjonali li ssir f'fażijiet differenti ġġib magħha r-riskju li l-proċess jieqaf f'punt fejn it-tibdiliet li jkunu ddaħħlu jżidu l-awtorità u l-poteri tal-Eżekuttiv qabel jew mingħajr ma jidħlu fis-seħħ inizjattivi maħsubin biex jillimitawhom.

Dan ir-riskju għandu jitnaqqas billi jintrabtu flimkien numru ta' riformi li fit-totalità tagħhom jiżguraw il-bilanċ tal-poter u l-limitazzjoni tal-poter tal-Eżekuttiv billi jipprovdu li kull bidla għandha tidħol fis-seħħ biss meta l-bidla li tibbilanċjaha tkun adottata.

### IV. Il-proċess tad-disinn għandu jkun trasparenti

Il-proċess ta' riforma m'għandux ikun maħkum mill-partiti politiċi.

Il-Kostituzzjoni hija l-bażi tal-obbligi tal-Gvern lejn iċ-ċittadini. Hija għodda li tintuża f'nuqqas ta' qbil u kwistjonijiet fejn mill-bidu nett ir-riżorsi u l-influwenza tal-partijiet huma mill-aktar żbilanċjati.

Għaldaqstant ikun ta' għajnuna li r-raġunament li jkun qed isir fl-istadju ta' disinn tal-emendi Kostituzzjonali jkun miktub u reġistrat. Huwa xieraq li d-dibattitu fl-istrutturi involuti fir-riforma, qabel dibattiti Parlamentari, jixxandru live għall-pubbliku u jkunu irrekordjati u miżmuma, biex f'każ ta' bżonn ta' interpretazzjoni, wieħed ikun jista' jirreferi għalihom.

Il-veduti u l-pożizzjonijiet li joħorġu mid-dibattitu pubbliku għandhom ikunu ikkunsidrati sewwa fid-dibattitu li jkun irid isir fil-Parlament.

### V. Kull bidla proposta għandha tkun ikkunsidrata skont ir-raġunijiet favur u kontra li tiġi adottata

Qbil bejn il-partiti ewlenin, minkejja li mixtieq u neċessarju biex ir-riforma kostituzzjonali sseħħ, iġib miegħu r-riskju li tintilef id-djalettika li permezz tagħha jistgħu jiġu preżentati soluzzjonijiet alternattivi jew ix-xewqa relattiva li bidla ma ssirx.

Għaldaqstant irid ikun żgurat li, anke jekk ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partiti ewlenin favur xi emenda Kostituzzjonali, jingħata spazju ċar u xieraq għal diskors pubbliku li jkun qed jargumenta kontra dik l-istess emenda.

### VI. Riforma Kostituzzjonali bla limitu ta' żmien

Nifhmu li meta tikkunsidra l-fallimenti tal-passat biex jinstab qbil bejn il-partiti għar-riforma, il-partiti politiċi jaf qed iħossu l-bżonn li jaħtfu l-opportunità u jisfruttaw mument ta' kriżi jew tibdil fir-relazzjoni ta' bejniethom biex jgħaġġlu t-tibdiliet.

Ir-riforma għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju li r-rarità u d-djuq ta' din it-tieqa ta' opportunità m'għandiex tkun kunsiderazzjoni għar-rata, il-kwalità u l-proċess tal-bidla u ċertament m'għandiex tkun kunsiderazzjoni li b'xi mod tiżboq il-prinċipji l-oħra mniżżla hawnhekk.



# Formazzjoni għal ċittadinanza parteċipattiva u responsabbli

Id-demokrazija tinkludi sett ta' istituzzjonijiet u proċessi, inkluż elezzjonijiet, rappreżentanza parlamentari u t-trażżin tal-poter permezz ta' għadd ta' kontrolli *(checks and balances)*.

Dawn l-istituzzjonijiet u dawn il-proċessi huma ħajjin u jagħtu l-frott meta jkollhom l-għeruq tagħhom f'kultura politika demokratika.

L-esperjenza turi li l-attitudni taċ-ċittadini lejn id-demokrazija hija sinifikattiva daqs l-istituzzjonijiet. Huwa meħtieġ li ċ-ċittadini jifhmu u japprezzaw il-qafas demokratiku sabiex dawn iqisu ruħhom responsabbli mill-istabbiltà u l-iżvilupp tiegħu.

Id-dinja tal-llum tippreżenta għadd ta' sfidi lill-mudelli tradizzjonali taċ-ċittadinanza u tas-sovranità: il-globaliżżazzjoni, l-inugwaljanza, il-kompetizzjoni ekonomika, it-teknoloġiji ġodda, l-isfidi ambjentali u l-migrazzjoni qed jippreżentaw sfidi ġodda.

Minkejja t-tentazzjoni għall-ħarba lejn soluzzjonijiet foloz, populisti u awtoritarji, Repubblika temmen li d-demokrazija hija l-aħjar u l-unika għodda biex nindirizzaw dawn l-isfidi kumplessi.

Nagħrfu wkoll li d-demokrazija hija ġid prekarju li jibqa' ħaj jekk nieħdu ħsiebu, insostnuh u ngħadduh lill-ġenerazzjoni ta' warajna.

Nifhmu wkoll li aktar ma jsiru kumplessi l-isfidi li jiddefinixxu l-futur tagħna, aktar ser ikun diffiċli li ċ-ċittadin komuni jagħti sehemu. Diġà qed insofru minħabba l-isfiduċja fl-istituzzjonijiet u fil-politiċi.

Ħafna mill-problemi li s-soċjetà Maltija qed taffaċċja u trid tkompli taffaċċja fil-futur għandhom għeruq li jirrigwardaw id-djufija tas-sistema edukattiva.

Il-korruzzjoni u l-Mafja jsibu art għammiela f'dawk il-partijiet u r-reġjuni tad-dinja fejn iċ-ċittadini ma jingħatawx il-mezzi xierqa biex jedukaw ruħhom. Sabiex Malta tibda tikteb paġna ġdida u nadifa fl-istorja tagħha, trid tfassal bil-għaqal pjan edukattiv qawwi, ta' fejda u fit-tul. Dan għandu jibda immedjatament billi jittieħdu l-iktar passi neċessarji.

L-edukazzjoni taċ-ċittadin tibda fi ċkunitu u tkompli tissaħħaħ maż-żmien. Biex dan iseħħ trid tingħata, qabel kollox, dinjità ġdida lir-rwol fundamentali tal-għalliema. Is-soċjetà għandha d-dmir li tifhem id-diffikultajiet li l-għalliema iħabbtu wiċċhom magħhom. L-istat għandu d-dmir li jinvesti bi kbir fl-edukazzjoni, kif ukoll li jtejjeb is-sitwazzjoni ekonomika tal-għalliema biex aktar żgħażagħ jiġu mħajjra jibnu karriera f'dan il-qasam. L-għalliema għandhom ukoll jiġu inċentivati li jkomplu bl-istudji tagħhom sabiex il-kwalità tat-tagħlim tagħhom titjieb dejjem aktar biex tirrispondi aħjar għall-ħtigijiet tal-lum.

Peress li l-ambjent fiżiku tal-iskejjel hu fundamentali, il-gvern hu fid-dmir li jsaħħaħ u jagħti prijorità lill-bini ta' skejjel ġodda b'faċilitajiet sportivi, laboratorji u l-bqija, xierqa għaż-żminijiet tal-lum.

L-edukazzjoni u l-importanza li tingħata fil-pajjiż hu bħal termometru li jagħti indikazzjoni tajba tal-kwalità tal-valuri, jew in-nuqqas tagħhom, li jmexxu l-ħajja ċivili.

Il-prinċipju fundamentali għandu jkun li l-istat hu fl-obbligu li jassikura li kulħadd jingħata edukazzjoni ta' kwalità. Ir-rispett lejn iċ-ċittadini jintwera meta dan il-prinċipju jitħaddem bil-fatti u mhux bir-retorika vojta tal-politiċi.

Is-sistema edukattiva m'għandhiex taqta' qalbha li teduka tfal li ġejjin minn kuntesti soċjali diffiċli. Iridu jingħataw inċentivi biex tissaħħaħ ir-riċerka li tkun kapaċi toffri risposti konkreti.

L-iskola għandha tinbidel f'ambjent fejn, minn età bikrija, kull persuna tiġi mgħallma l-valuri tal-ġustizzja, tal-verità, tar-rispett lejn l-ambjent u lejn il-bnedmin, u tas-solidarjetà. L-iskola għandha tkun bħal inkubatur fejn il-valuri fundamentali tal-ħajja demokratika mhux biss jiġu mgħallma, iżda mwettqa. Anki jekk dan jista' jidher bħala utopija, l-edukatur għandu d-dmir li jibqa' jemmen fil-ħolqien ta' dinja aħjar u jħabbrek biex jmexxi 'l quddiem viżjoni ta' fejda għas-socjetà.

Fuq pjan ta' programmi edukattivi, dawn għandhom jiġu irriformati biex jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-lum. Iż-żgħażagħ għandhom jingħataw l-għodda biex jifhmu d-dinja li qegħdin jgħixu fiha. L-iskola, sfortunatament, ħafna drabi ssibha diffiċli li żżomm il-pass maż-żminijiet. Wieħed irid jifhem sew li s-sens kritiku li suppost imexxi lill-individwu fil-ħajja hu r-riżultat ta' proċess edukattiv kumpless u fit-tul, imsejjes fuq programmi edukattivi b'viżjoni.

Repubblika timpenja ruħha għall-formazzjoni ta' ċittadini responsabbli u attivi li jagħtu sehemhom fl-iżvilupp tad-demokrazija f'Malta u li jieħdu sehem fil-ħajja tal-pajjiż.

Minbarra l-edukazzjoni formali, jeħtieġ naraw tibdil fil-jedd taċ-ċittadini Maltin li jkunu informati. Id-dritt tal-informazzjoni hu intrinsiku u jiġi mid-dritt tal-espressjoni. Mhux biż-żejjed li kulħadd "jitħalla" jgħid li jrid. Irid ikun possibbli għal kulħadd li jkun jaf il-verità u l-fehmiet differenti fil-komunità.

Fil-preżent ix-xandir pubbliku hu maħtuf mill-interessi tal-gvern u l-ġurnalisti fix-xandir pubbliku m'għandhomx il-libertà jinvestigaw u jippubblikaw. It-televiżjonijiet privati huma iddominati mill-partiti politiċi li jikkontrollaw il-kontenut tal-istazzjonijiet tagħhom u ma jiddejjqu xejn jimmanipulaw il-verità, jekk mhux jigbdu, anke billi jisktu dwar dak li dmirhom jirrapurtaw.

Il-bqija tal-ġurnaliżmu f'Malta hu dipendenti fuq il-pubbliċità li hi attività ekonomika li fil-mezzi tal-komunikazzjoni qed tiċkien u trendi dejjem anqas dħul. Fis-sitwazzjoni attwali, il-gvern jisfrutta din il-vunnerabbiltà billi jiddedika l-infieq pubbliċitarju tiegħu l-aktar lejn il-mezzi li jappoġġjawh.

Fl-istess waqt il-gvern juża riżorsi finanzjarji enormi biex flok jikkomunika permezz tal-midja, juża l-mezzi soċjali għal skopijiet propagandistiċi.

Hu għalhekk li trid tkun prijorità li:

- Jinbidel il-mod kif jiġi regolat ix-xandir pubbliku biex jassigura l-indipendenza tiegħu;
- Tinħoloq separazzjoni bejn il-partiti politiċi u l-mezzi tax-xandir;
- Tingħata bi dritt regolat b'liġi il-protezzjoni lill-ġurnalisti investigattivi li jiġbdu l-periklu fuqhom minħabba x-xogħol ġurnalistiku tagħhom;
- Jiddaħħlu prinċipji ta' responsabbiltà etika li jirregolaw l-infieq tal-gvern fl-informazzjoni pubblika;
- Jinħolqu fondi pubbliċi li jsostnu investigazzjonijiet ġurnalistiċi u ħidma ġurnalistika oħra li toffri kritika lill-awtoritajiet u perspettivi alternattivi.



# Ekonomija ġdida, onesta u sostenibbli

Aktar milli nipproponu teorija ekonomika partikolari, aħna niddikjaraw dawk il-valuri li jidhrilna għandhom jiggwidaw il-ħidma ekonomika.

Repubblika tqis li l-ekonomija mhix għan fih innifsu imma mezz biex il-poplu Malti kollu jimxi 'l quddiem u sabiex ikollu livell ta' għixien tajjeb u sostenibbli.

Bħall-ħajja pubblika, l-ekonomija għandha tkun magħġuna b'valuri etiċi, iggwidata minn boxxla morali u ispirata minn għadd ta' valuri li jinkludu l-onestà, l-integrità, is-sostennibilità, l-inklussività u r-responsabbilità.

Ma rridux ekonomija fejn ftit isiru sinjuri billi jieħdu l-ġid tal-ħafna, bħalma huma l-paesaġġ, il-qalba tal-irħula u l-bliet tagħna, l-ispazju pubbliku, il-kapital soċjali tagħna u r-reputazzjoni tagħna.

Ma rridux ekonomija mibnija fuq programm mfassal għal leġizlatura waħda bil-ħsieb li lejliet l-elezzjoni tkun tidher stampa sabiħa mingħajr ebda konsiderazzjoni għal dak li jkun ġej wara.

Ma jixirqilniex ekonomija ppumpjata bl-isteriods biex tikber malajr imma wara ftit taż-żmien inkunu aktar fqar.

Jidhrilna li dmir il-Gvern huwa li jiggverna u jaġixxi anqas ta' salesperson; Gvern li anqas moħħu f'li jbiegħ il-ġid tagħna u aktar iffukat biex itejjeb il-ġid komuni.

Il-kriżi tal-aħħar sentejn iżda wrietna li pajjiżna jeħtieġ jiffoka fuq it-tfassil ta' ħajja ekonomika li ma tibqax tiddependi fuq attivitajiet ekonomiċi li jeżistu biss jew l-aktar minħabba d-diżonestà ta' dawk li jridu jaħbu l-identità, in-nazzjonalità jew l-obbligi legali jew fiskali tagħhom.

Malta ma tistax tkun il-bajja li tkenn il-pirati tad-dinja. U Malta trid tissielet kontra l-infiltrazzjoni mafjuża li ħadet proporzjonijiet li qatt ma rajna bħalhom f'pajjiżna. Repubblika ssejjaħ lill-imsieħba soċjali, lill-komunità imprenditorjali, lill-akkademiċi esperti u lill-gvern biex jaħsbu b'mod kreattiv dwar inizjattivi ekonomiċi ġodda li jtuna alternattivi sostenibbli għall-futur ekonomiku ta' pajjiżna.

Insostnu iżda li rridu nimmaturaw fil-kultura tagħna meta nippjanifikaw l-ekonomija ta' Malta u nippreżentaw dawn il-kunsiderazzjonijiet fit-tħejjija ta' dan il-ħsieb:

1. It-tkabbir ekonomiku mkejjel bil-qies tradizzjonali ta' 'aktar ifisser dejjem aħjar' mhux sostenibbli. Il-ġid komuni jrid jitkejjel b'miżuri oħra bħal m'huma l-kwalità tal-ħajja tan-nies, is-saħħa fiżika u ambjentali, is-saħħa mentali, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi, l-ugwaljanza tal-opportunità, l-aċċess għal rikkezzi kulturali u intellettwali u oħrajn.

2. L-użu ta' riżorsi umani impurtati m'għandux jitqies bħala tranżazzjoni purament ekonomika. Iridu jitqiesu l-bżonnijiet u d-drittijiet umani tal-persuni kollha attivi fl-ekonomija tagħna, il-jedd għall-ħajja f'familja, il-jedd ta' parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali u demokratika tal-pajjiż. F'dan is-sens l-"integrazzjoni" tal-persuni li jiġu Malta biex jaħdmu mhix it-trasformazzjoni sfurzata ta' persuni li ma tweldux f'Malta f'idea immaġinarja ta' kif għandu jkun Malti, iżda fil-ftuħ għall-evoluzzjoni tal-identità Maltija bis-sehem ta' kull min jgħix fiha.

3. Il-kultura, l-ambjent, id-drawwiet, il-lingwa u l-valuri Maltin mhumiex vittmi tal-ekonomija u m'għandhomx jitqiesu bħala rivali tal-ekonomija. Anzi dawn huma opportunitajiet minnhom infushom.

4. Irridu napprezzaw ir-realtà Maltija li ma tinbidilx. Malta hi żgħira u ffullata. Ekonomija li tiddependi fuq il-bini, fuq l-isfruttar tal-art u tal-propjetà, fuq il-ħlas ta' djun insostenibbli assigurati minn proprjetajiet vojta jew li għadhom anqas biss inbnew hi bużżieqa li meta tinfaqa' tħalli konsegwenzi irrepparabbli u li jaqtgħu saqajn ġenerazzjonijiet futuri. L-iżvilupp tal-proprjetà għandu jieqaf milli jkun element essenzjali tal-ekonomija tal-pajjiż u l-qliegħ mill-proprjetà għandu jiġi ri-investit f'attivitajiet ekonomiċi ġodda u sostenibbli.

5

# Ambjent ħaj li jitgawda minn kulħadd

Ħadd ma jgħix f'bozza. Nagħmlu x'nagħmlu jew ma nagħmlux ser ikollna ambjent dejjem. Id-differenza hija l-kwalità tal-ambjent li jirriżulta u li jkollna ngħixu fih.

L-ambjent mhux dekorazzjoni jew lussu. L-ambjent huwa fil-qalba tal-kwalità tal-ħajja tagħna, huwa l-ispazju fejn aħna ntejbu jew inħassru il-ħajja tagħna u ta' ħaddieħor.

L-ambjent huwa element ewlieni mill-ġid komuni, dak il-ġid li huwa tagħna lkoll waqt li mhu propjetà ta' ħadd. Dan jinkludi kemm l-ambjent naturali, inklużi l-arja, il-paesaġġ, il-widien, il-baħar, il-kampanja kif ukoll l-ambjent urban, inklużi il-pjazez, it-toroq, is-sqaqien u l-ispazji pubbliċi.

F'Ġunju 2018, il-Kostituzzjoni ta' pajjiżna ġiet emendata biex iddaħħlet dikjarazzjoni li "l-Istat għandu jħares u jikkonserva l-ambjent u r-riżorsi tiegħu għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri u għandu jieħu miżuri sabiex jindirizza kull għamla ta' degradazzjoni tal-ambjent f'Malta, inkluża dik tal-arja, l-ilma u l-art, u kull tip ta' problema ta' tniġġis u sabiex jippromwovi, irawwem u jappoġġja d-dritt għall-azzjoni favur l-ambjent." (artiklu 9). Sfortunatment dan il-kapitlu jispiċċa jgħid li "id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu ma jkunux esegwibbli f'xi qorti." (artiklu 21).

Kelb bla snien, duħħan mingħajr nar, paroli fil-vojt.

Dan mhux biżżejjed quddiem l-isfidi kbar li għandna, fosthom:

- L-isfida kbira tal-użu tal-art meta l-ekonomija tagħna ġiet marbuta intimament mal-qerda tal-ambjent naturali u urban f'pajjiż bl-ogħla *population density* fl-Ewropa (1,325 persuna kull km2 meta l-medja fl-UE hija ta' 117 persuna) li qed tiżdied b'madwar 5% fis-sena (meta ż-żjieda fl-UE hija ta' 1.45).
- L-isfida kbira meta l-Istat qed iħalli l-kampanja tagħna tinbidel f'labirint ta' kurituri dojoq imdawra b'ħitan għoljin minkejja l-obbligu kostituzzjonali li jħares il-paesaġġ. Dan l-istess stat qed iħalli li l-ambejnt urban qed jinbidel f'gaġeġ tal-konkos fuq xulxin.
- L-isfida ta' provvista sostnuta u sostenibbli t'enerġija li għal xi żmien dehret riżolta iżda issa jidher hi mniġġsa minħabba l-korruzzjoni. Hi l-fehma tagħna li l-infrastruttura domestika tal-ġenerazzjoni tal-enerġija għandha tiġi nazzjonalizzata sakemm tiġi stabbilita kapaċità elettrika suffiċjenti u sostenibbli. Minn hemm il-gvern għandu jara li jiżdied bil-bosta s-sehem ta' elettriku iġġenerat minn sorsi sostenibbli.
- L-isfida tal-immaniġġjar tal-iskart li għalkemm għal xi żmien dehret riżolta jidher li issa m'għadhiex tlaħħaq mal-popolazzjoni u ħtiġijiet akbar.
- L-isfida tat-traffiku li minkejja iċ-ċokon ta' pajjiżna qed nieħdu ħafna ħin iżjed fl-ivjaġġar, immarrad l-pulmuni tagħna u jwassalna biex ngħixu f'kaos ta' karozzi ġo xulxin.
- Fl-osqma tal-enerġija, l-iskart u t-trasport il-politika nazzjonali għandha tkun riorjentata biex ma tkunx skjava ta' tkabbir mingħajr rażan u mingħajr ippjanar. Fejn hu possibbli l-konsum tal-enerġija, il-ġenerazzjoni tal-iskart u l-bżonn tat-trasportazzjoni mekkanizzata għandhom jitnaqqsu jew isiru aktar effiċjenti minflok titkabbar l-infrastruttura biex tlaħħaq ma' drawwiet antikwati u vizzjużi.

Repubblika trid tagħti sehemha favur il-ħarsien u t-titjib tal-ambjent.



# Soċjetà inklussiva, ġusta u ħanina

Repubblika temmen li s-soċjetà tagħna mhix sħiħa sakemm persuna waħda hija eskluża minnha.

Aħna nemmnu li aħna lkoll responsabbli għal xulxin u lejn xulxin. Għalhekk nemmnu li s-solidarjetà hija s-sies tagħna kemm bħala soċjetà kif ukoll bħala Stat.

Il-ħidma tagħna għall-ġustizzja (fejn kulħadd jieħu dak li ħaqqu) tinbena mal-ħidma għas-solidarjetà għaliex nemmnu fid-dinjità ta' kull persuna u fid-drittijiet fundamentali tagħha. Il-valur ta' kull bniedem huwa wieħed intrinsiku u m'għandux x'jaqsam jekk hux raġel jew mara, kbir jew żgħir, għani jew fqir, iswed jew abjad jew kull distinzjoni oħra li noħolqu.

Dan hu prinċipju wkoll fil-ħajja ekonomika fejn reġgħu qed jinstabu skużi biex jiġġustifikaw sfruttar t'impjegati fuq ix-xogħol, sieghat ta' xogħol esaġerati, abbuż fil-ħlas li jingħata, abbuż fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u ħlas inugwali għall-istess xogħol. Hu ċar li valuri li dwarhom kien intlaħaq kunsens qed jirkadu u jeħtieġu protezzjoni ġdida.

Il-ġustizzja soċjali hija qafas li jassigura t-twettieq tad-dmirijiet tal-individwu lejn il-komunità kif ukoll tal-komunità lejn l-individwu.

Illum il-ġurnata l-Istat qed iġorr ħafna mir-responsabilitajiet li qabel kienu f'idejn il-familja, il-qraba u l-ġirien, il-Knisja u l-għaqdiet volontarji. Wieħed mill-vantaġġi ta' dan huwa li l-Istat għandu għadd ta' riżorsi, inkluż finanzjarji, li dawn m'għandhomx.

Imma hemm ukoll żvantaġġi. Huwa diffiċli ħafna li l-magna burokratika, kultant impersonali, tagħti il-laqta personali tal-familja, tal-qraba u l-ġirien, tal-Knisja u l-għaqdiet volontarji. Għalhekk nemmnu fid-dmir tal-Istat li jsostni u jsaħħaħ kull inizjattiva għal soċjetà aktar b'saħħitha.

Iżda l-gvern m'għandu qatt juża l-inizjattiva tal-volontarjat bħala skuża biex jonqos milli jassigura servizz pubbliku li jiggarantixxi l-inklużjoni ta' kulħadd. Għalhekk aħna nemmnu li hi funzjoni innegabbli tal-istat li:

- Jipprovdi servizz ta' ħarsien, prevenzjoni u kura medika lil kulħadd mingħajr ħlas għas-servizz mogħti li jkun tal-ogħla kwalità li jaħseb għal kundizzjonijiet rari u diffiċli daqs kemm għal kull kundizzjoni oħra;
- Jara li kulħadd ikollu dħul adegwat li jassiguraw għixien diċenti u aċċess sħiħ għall-opportunitajiet soċjali u ekonomiċi;
- Jara li ma jkunx hemm ostakli għall-aċċess għal kulħadd għas-soċjetà diġitali;
- Jara li l-ifqar fil-pajjiż ma jkunux wisq 'il bogħod mill-aktar għonja;
- Joffri akkoljenza lil min jaħrab il-faqar, il-vjolenza jew in-nuqqas t'opportunitajiet għal ħajja diċenti f'pajjiżu;
- Jikkontribwixxi għall-paċi fid-dinja u allura wkoll għall-għajnuna lill-pajjiżi ifqar biex iqumu fuq saqajhom;
- Jilħaq u jisboq l-obbligi ta' Malta għat-trażżin tat-tibdil fil-klima.

Persuni f'ħajja pubblika m'għandhomx jinnegozjaw id-drittijiet taċ-ċittadini. Dan ma jfissirx biss li l-korruzzjoni m'għandhiex tieħu l-forma ta' ħlas jew kumpens. L-għoti ta' pjaċiri, privileġġi dovuti jew mhumiex lil ċittadini bi tpartit mal-wegħda tal-vot jew xi xorta oħra ta' lealtà hi wkoll korruzzjoni u inġustizzja ma' kull min ma jfittixx pjaċiri mill-politiċi iżda jagħmel deċiżjonijiet u għażliet demokratiċi fl-interess tal-komunità kollha qabel l-interess personali.



7

# Ġustizzja ugwali, libertajiet garantiti

Repubblika trid tikkontribwixxi fl-isforzi kontinwi għall-iżvilupp ta' Malta mibnija fuq il-ġustizzja u l-libertà. B'mod konxju aħna nagħżlu li ma nsirux partit politiku. Għalkemm nagħrfu l-importanza tal-partiti politiċi, jidhrilna li għandna nużaw għodda differenti mill-poter leġiżlattiv u eżekuttiv b'risq il-bini ta' soċjetà demokratika u ħielsa u favur id-drittijiet fundamentali ta' kull persuna.

Id-demokrazija hija ferm aktar minn dawk il-ftit minuti kull ħames snin meta nagħtu l-vot tagħna.

Id-demokrazija mhix it-tirannija tal-maġġoranza.

Id-demokrazija hija bil-wisq iżjed minn parlament li jaħdem part-time.

Id-demokrazija hija teżor fraġli li jinsab taħt theddida b'mod kontinwu imma li jekk inħarsuh u nsostnuh, jifjorixxi.

Fil-waqt li l-politika tuża l-għodda tal-poter, il-libertà teħtieġ il-limiti ta' dan il-poter u l-kontroll mill-impożizzjoni għall-interess personali ta' min hu fdat temporanjament bil-poter.

Għalhekk bħala Repubblika qed ninmpennjaw ruħna li naħdmu favur il-ġustizzja u s-saltna tad-dritt, l-impenn kollettiv għall-ġid komuni, is-separazzjoni tas-setgħat (separation of powers), l-amministrazzjoni tal-ġustizzja sħiħa u bla dewmien, l-ugwaljanza ta' kulħadd quddiem il-liġi, ir-rispett tal-minoranzi, u l-bilanċ delikat bejn id-drittijiet u r-responsabilitajiet.








Photography: REUTERS/Darrin Zammit-Lupi
Design: Ramon Micallef/Box-Design





repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

55, Triq Melita, il-Belt Valletta
E: Repubblika.MT@gmail.com
F: Facebook.com/Repubblika